**26 ta' April, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons), LL. D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Antonia Bartolo *pro et noe*

*versus*

Onor. Prim Ministru *et*

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Smigħ Xieraq - Tribunal - Qorti - Indipendenti u Imparzjali - Bord ta' Inkjesta Pubblika - Ministru tat-Trasport**

*Ir-rikorrenti allegaw li huma ma kinux qegħdin jirċevu smigħ xieraq mill-Bord ta' Inkjesta Pubblika mwaqqfa fuq ordni tal-Ministru tat-Trasport biex tinvestiga l-għibien ta' ajurplan f'titjira mit-Tunesija għal Malta u dan billi l-Bord ma kienx Tribunal imparzjali u indipendenti. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-Bord ta' Inkjesta la kien Tribunal u lanqas Qorti. Ir-rapport li l-Bord jagħmel lill-Ministru fih innifsu bl-ebda mod ma jista' jaffettwa la negattivament u lanqas posittivament, is-sitwazzjoni ta' dawk kollha li jiġu msejħa biex ikunu jew minn rajhom jagħżlu li jsiru* parties *fl-Inkjesta. Il-Bord għandu funzjoni pura investigattiva u għalhekk mhux Qorti fis-sens tal-Kostituzzjoni jew Tribunal fis-sens tal-Konvenzjoni.*

Il-Qorti:-

L-appellanti qed jaġixxu permezz ta' dan ir-rikors kostituzzjonali għad-dikjarazzjoni illi l-Bord ta' Inkjesta Pubblika mwaqqaf fuq ordni tal-Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija, biex jinvestiga l-għibien ta' ajurplan f'titjira mit-Tunesija għal Malta, misjuq minn Carmelo Bartolo mhuwiex Tribunal indipendenti u imparzjali skond il-liġi u huwa leżiv tad-drittijiet fondamentali tagħhom iggarantit bl-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Umani u l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Ir-rikorrenti *proprio et nomine* esponiet illi hija l-mara ta' Carmel Bartolo l-bdot ta' l-ajruplan tagħhom 9HABU (Piper Lance 32), involut f'inċident tat-3 ta' Diċembru, 1995 meta ġie rrapportat li għeb waqt titjira min Djerba fit-Tunesija u Malta, u Joseph-Mark, Liliana, Rose-Anne u Philip Bartolo huma ulied ta' l-istess konjuġi Bartolo;

Fl-4 ta' Diċembru, 1995 il-Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija ordna li ssir Inkjesta pubblika dwar l-inċident u ħatar lill-Avukat Philip Sciberras bħala Kummissarju biex imexxi l-Inkjesta bl-għajnuna ta' l-assessuri Kaptan Franz Sturmeir u Kaptan John Cook li wara ġie sostitwit minn Louis Giordimaina filwaqt li s-Sur Joe Sultana nħatar biex jassisti l-Kummissjoni ta' l-Inkjesta;

Jirriżulta li l-Kaptan Franz Sturmeir huwa l-*Group Head Flight Operations* ta' l-Air Malta, il-Kaptan John Cook huwa *Chief Engineer* ta' l-Air Malta u Louis Giordimaina huwa *Chief Designate Engineer* ta' l-Air Malta l-linja ta' l-ajru nazzjonali li hija kompetitriċi ta' kumpannija oħra li tappartjeni lill-familja Bartolo, u b'hekk għandhom interess dirett jew indirett;

L-assessuri Sturmeir, Cook u Giordimaina fl-operazzjonijiet u xogħol tagħhom normali ta' kuljum huma responsabbli lejn u jwieġbu direttament lill-Kapijiet tad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili bħala *Governing Authority* senjatament is-Sur Joe Sultana u jiddependu għal-liċenzja personali tagħhom biex jistgħu jaħdmu f'dawn il-kariġi tagħhom biex jaqalgħu l-għixien tagħhom minn Sultana u l-kapijiet l-oħra tad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili;

Il-Kummissarju ta' l-Inkjesta Pubblika, Dottor Philip Sciberras huwa ukoll konsulent legali ta' l-Air Malta li seta' jew jista' jagħti pariri lill-Air Malta dwar l-operazzjonijiet tal-kumpanniji tal-familja Bartolo;

Inoltre, is-Sur Joe Sultana, *Chief Inspector* ta' l-Inċidenti tad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili li nħatar biex jassisti l-Kummissjoni ta' l-Inkjesta huwa wieħed mill-kapijiet ewlenin tad-

Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili li huwa d-Dipartiment responsabbli għall-materji kollha li jikkonċernaw lill-Avjazzjoni Ċivili;

Ma hemm l-ebda dubbju li l-għemil u l-ħidma tad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili sejrin ukoll ikunu eżaminati u mifliја bir-reqqa kollha matul l-Inkjesta Pubblika li matulha jistgħu jiġu żvelati xi nuqqasijiet jew negliġenza ta' l-uffiċjali tad-Dipartiment li huwa parti interessata f'dawn il-proċeduri;

La ċ-*Chief Inspector* ta'l-Inċidenti tad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili stess is-Sur Sultana li qiegħed jassisti l-Kummissjoni ta' l-Inkjesta Pubblika u lanqas il-Kaptan Sturmeir u s-Sur Giordimaina minħabba l-impjieg u l-posizzjoni delikata tagħhom huma mistennija minn xi ħadd li fil-prattika sejrin jiżvelaw pubblikament xi nuqqasijiet jew ipoġġu xi dell ikrah fuq id-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili;

Hemm manifestament konflitt ta' interessi li sejjer jagħti lok għall-abbuż;

Hija ċara li l-membri kollha tal-Bord maħtura inkluż l-Assessuri u l-Assistent intagħżlu proprju minħabba l-karigi partikolari li jokkupaw, il-kapaċitajiet u l-posizzjoni tagħhom rispettivi;

Ir-rwol tad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili fl-Inkjesta Pubblika għandha tkun dik li tipproduċi l-evidenza kollha rilevanti miġbura minnha *dwar l-inċident quddiem il-Bord ta' l-Inkjesta;*

Il-presenza tas-Sur Joe Sultana tad-Dipartiment ta' l-

Avjazzjoni Ċivili kif ukoll dik tal-Kaptani Sturmeir, Cook u s-Sur Giordimaina hija meħtieġa biex jixhdu fl-Inkjesta Pubblika biex jiġu stabbiliti ċerti fatti tekniċi dwar l-għibien ta' l-ajruplan involut fl-inċident;

Il-Bord ta' l-Inkjesta Pubblika għandu l-poteri kollha ta' Qorti u kemm il-funzjonijiet tal-Bord ta' l-Inkjesta kif ukoll il-konklużjonijiet li jistgħu jaslu għalihom inkluż ir-riperkussjonijiet huma konsiderevoli;

Jeżistu f'Matla diversi persuni oħra li għandhom kwalifiki neċessarji li huma kompetenti biex jassistu l-Kummissarju minbarra dawk maħtura u li m'għandhomx interess dirett jew indirett fosthom u huma illum irtirati;

F'każ ta' neċessita' billi Malta hija *Contracting State* u Membru ta' l-*International Civil Aviation Organisation* (ICAO) jistgħu jintgħażlu għadd kbir ta' persuni oħra partikolarment ikkwalifikati u ta' aktar esperjenza biex jiffurmaw parti mill-Bord ta' l-Inkjesta;

L-Inkjesta Pubblika trid issir minn persuni għal kollox imparzjali u indipendenti u l-ġustizzja mhux biss trid issir iżda tidher ukoll li qiegħda ssir skond il-priċipji legali fl-interess ta' kulħadd;

Il-komposizzjoni tal-Bord ta' l-Inkjesta tmur kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 734 (d) (i) u (iv) u 734 (e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Inoltre dan kollu jammonta għal ksur tad-drittijiet fondamentali ta' l-esponenti in kwantu l-Bord ta' l-Inkjesta Pubblika

kif ikkostitwit ma jistax jiġi kkunsidrat indipendenti u imparzjali bi ksur ta' l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u ta' l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Umani għal smigħ xieraq minn Tribunal jew Awtorita` oħra indipendenti u imparzjali;

Ir-rikorrenti għaldaqstant talbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara li l-Bord ta' l-Inkjesta Pubblika kif preżentament ikkostitwit mhuwiex indipendenti u imparzjali skond il-liġi u huwa leżiv tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ggarantiti bl-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Umani għal smigħ xieraq minn Tribunal jew Awtorita` oħra indipendenti u imparzjali u għalhekk tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi xierqa sabiex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali ta' l-esponenti skond il-liġi";

Risposta ta' l-intimati:

"Preliminarjament (1) illi huma qed jagħtu ruħhom b'notifikati bir-rikors u (2) illi l-Onor. Prim Ministru mhuwiex il-leġġitimu kontradittur fil-proċeduri odjerni u kellu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

L-intimati dwar il-meritu, esponew illi (3) l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mhumiex applikabbli għall-każ odjern;

Dawn l-artikoli jagħtu dritt għal smigħ xieraq quddiem Tribunal indipendenti u imparzjali f'każ meta tkun qed issir determinazzjoni ta' dritt ċivili jew ta' akkuża kriminali;

Fil-każ odjern, il-Bord li qed jinvestiga la huwa qed jiddetermina xi dritt ċivili u lanqas xi akkuża kriminali. Il-funzjoni tiegħu hu li jinvestiga x'kienu ċ-ċirkostanzi u x'seta' wassal għalihom u li jagħmel rakkomandazzjonijiet bla ma jiddeċidi xejn (ara regolament 17);

Oltre dan, l-Avukat Ġenerali li jmexxi l-Inkjesta, jitlob l-opinjoni tal-Bord u mhux xi deċiżjoni (ara regolament 13). Qorti jew Tribunal li jiddeterminaw kwistjoni ċivili jew reat kriminali ma jatgħix opinjoni iżda deċiżjoni;

Isegwi li r-rapport finali m'huwa ebda titolu esekuttiv *ai termini* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew ta' xi liġi oħra u għalhekk ma jistax ikun infurzat;

Illi, bla preġudizzju għas-suespost, il-persuni li qed jidhru f'dan il-Bord kollha qed jidhru fil-kapaċita` personali tagħhom u m'huma taħt id-direzzjoni ta' ħadd dwar x'opinjoni jagħtu;

Illi, fid-dawl ta' ġurisprudenza lokali oħra dwar Bord ta' Inkjesta mwaqqaf taħt il-kapitolu 273 tal-Liġijiet ta' Malta (**Rosanne Galea** *vs* **CGMO** *et*) u dwar il-Kummissjoni ta' l-Inġustizzji (**Antoine Tagliaferro** *et vs* **Onor. Prim Ministru**) fejn bordijiet simili għal dan in kwistjoni diġa` ġew iddikjarati bħala mhux Tribunali ġudizzjarji, din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bħala merament frivoli u vessatorji";

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tat-28 ta' Frar, 1996 iddeċidiet ir-rikors billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni dwar il-meritu ssollevat mill-intimati u ddikjarat li l-Inkjesta Pubblika ordnata mill-Ministru għat-Trasport wara l-inċident li ġarrab il-Piper

9HABU fit-3 ta' Diċembru, 1995 mhux Qorti jew Tribunal kif ikkontemplat fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u għalhekk ċaħdet ir-rikors ta' l-appellanti. L-ispejjeż baqgħu mingħajr taxxa;

Konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti;

"Ir-rikorrenti huma l-familjari ta' Carmel Bartolo li kien il-pilot tal-Piper numru 9HABU li ntilef fit-3 ta' Diċembru, 1995 u ppreżentaw dan ir-rikors wara li l-intimat Ministru tat-Trasport ordna fl-4 ta' Diċembru, 1995 li ssir Inkjesta pubblika dwar l-inċident relattiv;

Illi r-rikorrenti ssosttomettew illi wħud mill-membri nnominati biex imexxu din l-Inkjesta huma impjegati u wieħed konsulent ta' l-Air Malta, li qed jallegaw tikkompeti ma' soċjeta` oħra tal-familja tar-rikorrenti; inoltre uħud minnhom huma responsabbli jew jiddependu mid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili li huwa d-Dipartiment responsabbli għall-materji kollha li jikkonċernaw l-Avjazzjoni Ċivili;

Illi fl-Inkjesta pubblika jistgħu joħorġu xi nuqqasijiet ta' l-imsemmi Dipartiment;

Illi r-rikorrenti ssottomettew li dawn il-persuni għandhom manifestament konflitt ta' interessi u dan ser jagħti lok għal abbuż u għalhekk talbu li din il-Qorti tiddikjara li l-Bord ta' l-Inkjesta Pubblika kif preżentament ikkostitwit mhuwiex indipendenti u imparzjali skond il-liġi u huwa leżiv tad-drittijiet fondamentali tagħhom iggarantiti bl-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Umani

għal smigħ xieraq minn Tribunal jew Awtorita' oħra indipendenti u imparzjali u talbu li l-Qorti tagħti l-ordnijiet neċessarji biex tingħata l-protezzjoni kkontemplata;

Illi l-intimati fir-risposta tagħhom dwar il-meritu eċċepew li l-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja mhumiex applikabbli fil-każ odjern, stante li dawk id-disposizzjonijiet jiggarantixxu smigħ xieraq quddiem Tribunal indipendenti u imparzjali meta tkun ser issir determinazzjoni ta' dritt ċivili jew ta' akkuża kriminali; jikkontendu li dan mhux ser isir fil-proċeduri tal-Bord ta' l-Inkjesta Pubblika msemmi;

Illi l-artikolu tal-Kostituzzjoni indikat mir-rikorrenti jikkontempla "a court of adjudicating authority prescribed by law for the determination of the existence of the extent of civil rights or obligations", waqt li l-artikolu tal-Konvenzjoni jistabbilixxi kif għandu jkun it-Tribunal "in the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him";

Illi l-Qorti għandha tiddeċidi l-imsemmija eċċezzjoni ssollevata mil-intimati fid-dawl ta' dan il-kliem rilevanti mill-artikoli ċċitati;

Illi ġie sottomess li fir-Regolamenti li jirrigwardaw l-Inkjesta *de quo*, il-leġislatur jagħmel referenza speċifika għal "the Court"; dan il-punt ma jistax jingħata wisq importanza peress li dak li għandu jiġi eżaminat mhux in-nomenklatura imma jekk din l-Inkjesta għandhiex jew le il-karatteristiċi ewlenin ta' Qorti jew Tribunal Ġudizzjarju;

Illi dwar dan il-punt irid jiġi ukoll rilevat li l-kliem "the Court"

mhuwex parti sostantiva fid-definizzjonijiet mogħtija fl-imsemmija regolamenti, imma ġew imdaħħla biss fl-artikolu 9 (1) biex jissostitwixxu l-kliem "the Commissioner" li kien ġa' ssemma fis-subartikolu preċedenti;

Illi r-rikorrenti jelenkaw diversi tifsiriet għall-kliem rilevanti biex joħorġu s-somiljanza bejn opinjoni u determinazzjoni u d-deċiżjoni; jispjegaw ukoll kif qabel id-"determinazzjoni" l-Inkjesta tisma' x-xhieda li jitressqu mill-partijiet u dawn isirilhom ukoll il-kontro-eżamijiet u anke r-rieżami;

Illi ġie ukoll sottomess li meta l-Inkjesta tasal għall-"opinjoni" din tkun il-ġudizzju tagħhom skond ir-riżultanzi li jkollhom quddiemhom;

Illi skond l-imsemmija Regolamenti, il-Ministru, jekk wara inċident jidhirlu li jkun "expedient to hold a Public Inquiry into the causes and circumstances of an accident to which these Regulations apply, he may direct that a Public Inquiry be held" u l-preżentata tal-każ tiġi fdata f'idejn *Attorney General*, il-Qorti tosserva li l-imsemmi *Attorney General* "<u>May</u> cause a notice ... to be served";

Illi wara li jkunu tressqu l-provi u nstemgħu x-xhieda kollha l-*Attorney General* "shall state the questions in reference to the accident and the conduct of persons connected with the accident upon which the opinion of the Court is desired" din id-diċitura titfa' dawl fuq il-funzjoni ta' l-Inkjesta. Wara li tisma' t-trattazzjoni tgħaddi biex "to determine the questions so stated";

Illi wara li jkunu eżawriti l-proċeduri kollha (Regolament 9

(17)) "the Court shall make a report to the Governor stating fully the circumstances of the case and the opinion of the Court touching the causes of the accident and adding any observations and recommendations which the Court thinks fit to make with a view to the preservation of life and the avoidance of similar accidents in future, including a recommendation for the cancellation, suspension or endorsement for the licence, certificate or other document";

Illi minn dan toħroġ differenza sostanzjali meta jsir paragun mal-kompitu ta' Qorti jew ta' Tribunal Ġudizzjarju. F'din l-Inkjesta tingħata l-opinjoni "touching the cause of the accident and adding any observations and recommendations which the Court thinks fit to make ... ", waqt li Qorti għandha parametri ferm iżjed preċiżi u trid tistabbilixxi dritt jew ħtija;

Illi l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Roseanne Galea *vs* Onor. Prim Ministru *et*** (11 ta' April, 1995) sostniet li "sakemm il-Bord jiżvolġi biss kompetenza investigattiva għar-rigward ta' l-allegazzjonijiet kontra r-rikorrenti, ma jistax jingħad li l-Bord jikkwalifika bħala Tribunal jew Qorti fis-sens tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni";

Illi l-Inkjesta Pubblika *de quo* ma jirriżultax li tmur oltre l-"kompetenza investigattiva" u tista' tagħmel biss osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar il-futur. M'għandhiex *it-terms of reference* (bħal fil-każ imsemmi **Galea *vs* Prim Ministru**) li "to determinate whether the said allegations can be confirmed or otherwise" u anqas "... to establish whether the public officer concerned has, in fact, committed the alleged abuses and irregularities" - kieku kellu *terms of reference* simili kien ikun jista' jiġi kkunsidrat bħala "Tribunal" *ai fini* ta' l-imsemmija artikoli tal-

Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni;

Illi l-Inkjesta Pubblika in kwistjoni ma nghatatx il-"power to give a binding decision on the matter before it" u din il-Qorti tifhem li "a body which can merely tender advice will not therefore be a "tribunal"" (**Benthen vs The Netherlands**). L-opinjoni li l-Inkjesta taghti lil-Ministru fir-rapport taghha ma tiddeterminax l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili u anqas ma tiddeċidi dwar xi akkuża kriminali;

Illi *jiġi* ukoll rilevat li l-Ministru jista', ghal raġuni valida, anqas biss jippubblika r-rapport ta' l-Inkjesta jew jippubblika biss siltiet minnu; barra minn hekk il-Ministru ghandu ukoll il-poter jekk "there is in his opinion ground for suspecting that a miscarriage of justice has occurred" jordna li jsir "rehearing" u dan jista' anke jsir minn Inkjesta oħra diversament komposta;

Illi inoltre l-Qorti tosserva li kull parti interessata, tista' twarrab u tiskarta ghal kollox u qisu ma sar xejn, ir-rapport ta' l-Inkjesta Pubblika u tressaq id-drittijiet kollha skond il-liġi, quddiem il-Qorti Kompetenti";

L-aggravju ta' l-appellant fid-diversi konsiderandi tal-petizzjoni jistghu jiġu kollha sintetizzati f'din il-proposizzjoni prinċipali taghhom:

"Minn dan kollu jirriżulta bl-aktar mod ċar illi l-kompitu tal-Bord ta' l-Inkjesta huwa ekwivalenti ta' dik ta' Qorti jew *other adjucating body* billi fil-poteri moghtija, it-*terms of reference* taghha huma mhux biss ta' natura investigattiva, iżda jinkorporaw il-ġbir tal-provi, l-eżami, il-kontro-eżami u l-eżami tax-xhieda prodotti li

jingħataw ukoll il-ġurament, konsiderazzjoni tas-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet kif ukoll id-determinazzjoni tal-kwistjoni (Regulation 9 (14))";

Id-diversi aggravji, sewwa puntwalizzati, huma kollha illustrattivi ta' din is-sottomissjoni prinċipali u ċentrali li fil-verita' kienet ukoll il-qofol tal-konsiderazzjonijiet mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata;

Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-aggravji, il-fatti prodotti kif ukoll ir-regolamenti li bihom għandu jiġi ggwidat il-Bord ta' l-Inkjesta kif ukoll il-konsiderazzjonijiet dwarhom ta' l-ewwel Qorti u waslet għall-konklużjoni, wara debita riflessjoni, illi s-sentenza *appellata* hija sostanzjalment ġusta u għandha tiġi kkonfermata. Tippremetti li hi dehrilha opportun li tirriproduċi l-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti proprju għaliex - aktar minn approfondiment teoriku tal-punti ċentrali ta' liġi fil-kawża - jikkontjenu analisi akkurata u utili ta' disposizzjonijiet varji ta' dawn ir-Regolamenti biex tillustra, u sewwa, dak li rriteniet fis-sentenza u ċjoe' illi l-Bord *de quo* ma jistax jitqies li hu "Qorti jew other adjucating body prescribed by law for the determination of the existence or the extent of civil rights or obligations" fir-rigward ta' l-appellanti jew "the determination of any criminal charge" kontra tagħhom;

In aġġunta mal-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet biex aktar tillustra l-infondatezza ta' l-aggravji ta' l-appellanti;

Jiġi qabel xejn irreġistrat l-ordni tal-Ministru tat-Trasport ta' l-4 ta' Diċembru, 1955:

"For the purposes of Section 9 of the Civil Aviation (*Investigation of Accidents*) Regulations 1956, I direct that a public inquiry be held *in the* causes and circumstances of the accident to aircraft 9HABU (Piper 32) ...";

Kif ġustament issottomettew l-appellati, hu importanti li jiġi apprezzat illi l-ordni kienet qed tingħata biss fit-termini u bis-saħħa tar-Regolamenti msemmija u mhux bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Kap. 232). Dan għaliex taħt dan l-aħħar *provvediment* il-Ministru hu awtorizzat li jagħmel regolamenti biex jinvestiga inċidenti aerei u f'dawn ir-regolamenti magħmula bis-saħħa ta' dan il-provvediment u jista' jipprovdi ukoll fost oħrajn għall-kanċellament, sospensjoni u irtirar ta' kull liċenzja jew ċertifikat li kellhom x'jaqsmu ma' l-avjazzjoni ċivili. Differentement ir-regolamenti li taħthom ġiet ordnata din l-Inkjesta ma jagħtux dan il-poter għalkemm it-Tribunal inkwirenti jista' jagħmel osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet lill-Ministru "including a recommendation for the cancellation, suspension or endorsement of any licence, certificate or other document". Distinzjoni sottili imma rilevanti;

The Civil Aviation (Investigation of Accidents) Regulation, 1956 huma regolamenti magħmula oriġinarjament bis-saħħa tas-Civil Aviation Act, 1949 tar-Renju Unit applikabbli għal Malta bil-Colonial Civil Aviation (Application of Act) Order 1952. Leġislazzjoni kolonjali li tinkludi konċetti u proċeduri xi ftit aljeni għas-sistema nostran anke jekk ta' applikazzjoni f'diversi pajjiżi. Leġislazzjoni li pero' ġiet ritenuta bħala utili u miżmuma fis-seħħ wara l-Indipendenza kif jidher fil-Kap 232. Wieħed allura għandu jżomm dan il-fatt preżenti meta jinterpreta r-regolamenti;

Taħt dawn ir-regolamenti l-Ministru għandu l-fakolta' li meta jiġri inċident ta' l-ajru jagħżel li jagħmel jew inkjesta privata jew waħda pubblika. Għalkemm l-appellanti ttantaw isibu xi differenzi ta' sostanza bejn iż-żewġ tipi ta' inkjesta u partikolarment li jargumentaw mill-fatt tal-pubbliċita', element addizzjonali li fil-fehma tagħhom jagħti karattru ta' Qorti fil-kontenzjuż lill-proċeduri, dan ma jreġix bħala korrett meta wieħed jeżamina d-diċitura sħiħa ta' l-artikolu 9. Hu ċar illi l-pubbliċita' hija mħollija għal kollox fid-diskrezzjoni tal-Ministru meta jidhirlu li hu spedjenti li hekk isir;

Ir-*ratio legis* hu naturalment illi l-inċident jista' jkun ta' proporzjonijiet tali illi jkun fl-interess pubbliku li ċ-ċirkostanzi li taw lok għalih ikunu pubblikament ventilati u investigati. Hija għalhekk prinċipalment miżura ta' sodisfazzjoni lill-pubbliku biex jiġi assigurat illi ma kien hemm xejn x'wieħed jaħbi u biex persuni li jkunu involuti mill-qrib fl-inċident, kif ukoll is-soċjeta' in ġenerali jkunu immedjatament mgħarrfa b'dak li ġara. B'hekk jiġi ukoll lilhom iggarantit li jkunu qed jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, mhux biss biex il-fatti kollha jiġu stabbiliti u r-responsabbilitajiet identifikati, imma ukoll li ma jkunx hemm repetizzjoni ta' inċidenti simili u li s-sigurezza fl-ivvjaġġar bl-ajru tkun aċċertata fil-limiti possibbli. Dan kollu pero' l-ebda mod ma jnaqqas jew ivarja l-element essenzjali ta' l-eżerċizzju investigattiv *into the causes and circumstances* ta' l-inċident. Tali proċeduri jibdew, jissoktaw u jintemmu bħala inkjesta. Ma ssir qatt proċedura **in kontestazzjoni** ma' xi parti u dan hu għal kollox ovvju f'kull subinċiż ta' l-istess artikolu 9, kif *del resto* identifikat fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti fuq iċċitata;

Il-Qorti hi sodisfatta illi l-funzjonijiet eżerċitati mill-"Qorti"

kienu kemm fil-prattika, kif ukoll fit-teorija, essenzjalment investigattivi. It-Tribunal ma jiġġudika xejn fis-sens proprju tal-kelma, la fil-forma u lanqas fis-sostanza. Ir-rapport li l-membri tat-Tribunal jagħmlu fuq il-fatti li jirriżultawlhom, bl-ebda mod ma jiddisponi minn xi materja li tirrigwarda xi dritt ċivili jew xi akkuża kriminali fir-rigward ta' xi persuni. It-Tribunal ma jagħmel l-ebda determinazzjoni legali fir-rigward ta' responsabbilita` ċivili jew kriminali kif toħroġ mill-fatti quddiemu. Fl-aħjar ipotesi favorevoli għall-appellanti, it-Tribunal jagħti biss opinjoni li magħha wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx. Opinjoni soġġetta dejjem għall-iskrutinju tal-persuna li lilha l-istess Qorti hi bil-liġi tenuta li "tirrapporta". L-iskop ta' l-Inkjesta hu ċar mil-liġi u limitat biex jiġu aċċertati u rreġistrati fatti li jistgħu eventwalment iservu bħala bażi għal xi azzjoni minn xi Awtorita` kompetenti;

Dan ir-rapport li l-Bord ta' Inkjesta jagħmel lill-Ministru fih innifsu bl-ebda mod ma jista' jaffettwa la negattivament u lanqas posittivament, is-sitwazzjoni ta' dawk kollha li jiġu msejħa biex ikunu jew li minn rajhom jagħżlu li jsiru *parties* fl-Inkjesta. Il-Ministru jista' faċilment jinjorah għal kollox jew fil-parti. Jista' lanqas jippubblikah. Jista' apertament jiddisassoċja ruħu minnu u jiddikjara li ma jaqbilx miegħu. Inoltre jista', f'ċerti determinati ċirkostanzi, jordna li ssir Inkjesta oħra fuq l-istess meritu, jew mit-Tribunal kif allura kompost, jew minn Tribunal kompost minn persuni oħra. Ir-rapport jista' ukoll ikollu rilevanza għall-partijiet interessati jekk il-Ministru jiddeċidi li jieħu xi azzjoni fuq ir-riżultanzi kif jemerġu fir-rapport, jew personalment, jew tramite xi azzjoni amministrattiva minn xi organu ta' l-Istat. F'dan il-każ, pero`, tibqa' dejjem miftuħa l-opportunita` lill-partijiet interessati, fosthom allura anke l-appellanti, li jikkontestaw tali azzjoni amministrattiva quddiem il-Qrati kompetenti. Issa ferm aktar minn

qabel, wara l-emendi li saru bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili illi fetħu ferm aktar il-parametri fejn u kif tista' tiġi miċ-ċittadin ipprovokata r-reviżjoni ta' deċiżjonijiet amministrattivi;

Dan fih innifsu hu salvagwardja adegwata għad-drittijiet fondamentali ta' l-appellanti għal smigħ xieraq quddiem Tribunal imparzjali u indipendenti. Dan kollu japplika *mutatis mutandis* u b'aktar konvinzjoni fil-każ illi l-proċeduri quddiem it-Tribunal in kwistjoni u r-rapport tagħhom jipprovokaw xi proċedura ta' natura kriminali kontra l-appellanti jew partijiet oħra. F'dan il-każ hu ovvju illi r-rapport bl-ebda mod ma jagħmel stat kontra l-akkużat li jkollu għad-disposizzjoni tiegħu l-posizzjoni sħiħa li jipprovdulu kemm il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni kif ukoll dik estiża tal-Kodiċi Kriminali;

"Article 6 (1) lists a number of elements comprising the fair administration of justice. Fundamental to the entire process is access to a procedure with all the attributes of a judicial form of review ... Access to a judicial forum must be substantive not just formal" (**Golder** *vs* **United Kingdom** (1975)). Dan id-dritt ta' l-appellanti li eventwalment ikollhom smigħ xieraq u ġudizzju minn Tribunal imparzjali indipendenti jibqa' ggarantit kemm fil-kamp amministrattiv ċivili, kif ukoll fil-kamp kriminali u dana indipendentement mir-riżultanzi ta' l-Inkjesta;

Mir-regolamenti nfushom allura toħroġ ċara n-natura investigattiva pura tat-Tribunal imwaqqaf taħt l-artikolu 9 tagħhom. Veru li r-regolamenti jiddeskrivu lil dan it-Tribunal bħala "Court". Dan hu pero' "misnomer" jekk bil-kelma wieħed irid jifhem dak illi l-Kostituzzjoni tiddefinixxi bħala Qorti, in kwantu hi organu

ta' ġudikatura bħala wieħed mill-poteri ta' l-Istat. "In the Court's *opinion the power to give a* ***binding decision*** *which* ***may not be altered*** by a non-judicial authority to the detriment of an individual party is inherent in the very notion of a "Tribunal" as is confirmed by the word "determination" (*qui decidera*'). This power can also be seen as a component of the "independence" required by article 6 (1)" (**Van de Hurk vs the Netherlands** 18.E.H.R.R.481 - 1994). Hu ovvju li dan it-Tribunal li għandu jiskarta l-konklużjonijiet tiegħu, dawn l-attributi essenzjali m'għandux;

Jiġi osservat illi li kieku ċ-ċirkostanzi kienu tali illi t-Tribunal illi kien qed jikkonduċi l-Inkjesta seta' jiġi kkwalifikat bħala Qorti jew Tribunal għall-finijiet ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew artikolu 6 tal-Konvenzjoni, in kwantu jiġi stabbilit li l-funzjoni tiegħu kienet li jiddetermina finalment u validament fuq dritt jew obbligazzjoni ċivili ta' xi persuna fuq xi akkuża kriminali kontra tiegħu, wieħed kien ikollu allura ġustament jikkonsidra l-oġġezzjonijiet ta' l-appellanti fir-rigward tal-persuni li ġew maħtura biex jikkonduċu l-Inkjesta. L-imparzjalita` u l-indipendenza tat-Tribunali jesiġu li tinżamm separazzjoni netta bejn il-poter esekuttiv u dak ġudizzjarju. Allura hu ovvju illi uffiċjali jew dipendenti tal-poter esekuttiv ma jistgħux jiġu affidati b'funzjoni **ġudizzjarja**, anke jekk dan ikun fil-vesti ta' espert li jgħin lill-Qorti biex tasal għad-deċiżjoni tagħha. Daqstant ieħor hu ovvju illi mhux permess illi tingħata tali funzjoni ġudizzjarja lill-persuni illi jiddependu minn, jew għandhom interess, f'persuni illi jiddependu minn, jew għandhom interess, f'persuni fiżiċi jew morali li huma, jew jistgħu ikunu, partijiet fil-kawża. Anke jekk dawn il-persuni nnominati fuq Tribunal biex jiġġudikaw ikunu individwi teknikament ikkwalifikati biex jesprimu ġudizzju fuq il-materji in kawża u anke jekk ma tirriżulta l-ebda raġuni soġġettiva biex wieħed jiddubita

mill-integrita' personali tagħhom. Hu importanti illi l-apparenza ta' imparzjalita' u indipendenza oġġettiva jiġu salvagwardati u jkunu manifesti;

Fil-każ **Sramiek** *vs* **Austria** (1984), il-Qorti sabet "a violation of article 6 where a member of a Court was subordinate in terms of *his professional duties to one of the parties in a given suit, stating* that in such circumstances, **litigants** may entertain a legitimate doubt about that person's independence. Such a situation seriously effects the confidence which the Courts must inspire in a democratic society";

Pero' hu ċar li dan kollu japplika fil-każ fejn it-Tribunal hu msejjaħ biex jiddetermina d-drittijiet u obbligi ċivili ta' persuni interessati jew akkużi kriminali kontra xi persuna. *Japplika fejn* hemm *litigants* jew partijiet in kawża. Fil-każ in eżami l-Qorti taqbel ma' dak li rriteniet is-sentenza appellata li m'hemm l-ebda kontestazzjoni u l-partijiet jidhru jew jiġu msejħa biex jidhru biss biex jassistu *f'eżerċizzju biex jiġu stabbiliti l-fatti li ġraw u l-kawża* tagħhom. Mhux biex jiġu determinati responsabbilitajiet ċivili jew kriminali;

"In order for an *individual to be entitled under article 6 (1) to* a hearing before a Tribunal there must exist a dispute (contestation) over one of his or her civil rights or obligations. The result of the proceedings in question must be directly decisive of such right and obligation and merely *tenuous connections of remote consequences* were insufficient to bring the article into play" (**Fayed** *vs* **United Kingdom** - 18 E.H.R.R. 393 - 1994);

*Ġie osservat illi* "*the underlying aim of this system*" *(ta'*

Inkjesta amministrattiva) "is clearly the legitimate one of furthering the public interest in the proper conduct of the affairs" ta' l-Avvjazzjoni Ċivili. Jiġi nnotat ukoll illi l-valur ta' din l-inkjesta fil-kamp extra-ġudizzjarju tiġi meqjusa mill-kredibbilita` *li* l-opinjoni pubblika tagħti lill-kwalifiki indubbji tal-persuni li jikkomponu t-tribunal, kif ukoll kemm dawn ikunu kkreditati b'sens ta' professjonalita` u imparzjalita`, kif ukoll kapaċita` *li* jaġixxu indipendentement minn kull xorta' ta' rabta ma' xi awtorita` jew persuna interessata fl-eżitu ta' l-istħarriġ li jkunu ġew inkarigati jikkonduċu. Aspett dan li pero` jesula mill-parametri ta' din il-vertenza kostituzzjonali;

Għal dawn il-motivi, u għall-motivi dedotti mill-ewwel Qorti, l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibgħu kif ġa` deċiżi, dawk ta' l-appell ikunu a karigu ta' l-appellanti.